# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

## Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2025

**Rikors Nru: 261/2024**
**Nru fuq il-Lista: 18**

**Saviour Debono (K.I. 558878M) u Natasha Delia (K.I. 129876M)**

**vs**

**Catherine Mallan (K.I. 725937M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur imressaq fl-4 ta' Ġunju 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram* ġie premess u intalab is-segwenti;

1. *Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond bl-indirizz 2, Triq San Guzepp, Kalkara.*
2. *Illi dan il-fond kien jappartjeni lin-nannu matern tar-rikorrenti u cioe' lid-defunt Angelo Tonna.*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

3. *Illi l-imsemmi Angelo Tonna miet fit-18 ta' Frar 1968 (certifikat tal-mewt anness* **Dok S1** *u skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji tieghu pubblici u sigrieti (kopja annessa* **Dok S2A** *u* **Dok S2B** *rispettivament) huwa rregola l-wirt tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tas-7 ta' Settembru 1944 (kopja annessa* **Dok S3***).*

4. *Illi ai termini ta' dan it-testment Dok S3, l-imsemmi Angelo Tonna nnomina lil mara tieghu, Carmela Tonna bhala l-eredi universali tieghu.*

5. *Illi Saviour Tonna (wiehed miz-zewgt itfal ta' Carmela u Angelo Tonna) miet guvni u minghajr tfal nhar is-6 ta' Awwissu 1968 (certifikat tal-mewt tal-mewt anness* **Dok S4***). Skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti tieghu (kopja annessa* **Dok S5A** *u* **Dok S5B** *rispettivament) huwa miet intestat u ghalhekk il-wirt tieghu ddevolva fuq ohtu Mary Debono nee' Tonna u ommu Carmela Tonna.*

6. *Illi Carmela Tonna mietet fil-25 ta' Gunju 1969 (certifikat tal-mewt anness* **Dok S6***). Skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti taghha (kopja annessa* **Dok S7A** *u* **Dok S7B** *rispettivament) hi rregolat il-wirt taghha bit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tas-7 ta' Settembru 1944 (Dok S3) fejn kienet innominat lil zewgha Angelo Tonna bhala l-eredi universali taghha (li kien miet qabilha). Ghalhekk is-sehem ta' Carmela Tonna ghadda fuq it-tifla taghha, Mary Debono.*

7. *Illi Mary Debono mietet fis-6 ta' Ottubru 2009 (certifikat tal-mewt anness* **Dok S8***) u skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti taghha (kopja annessa* **Dok S9A** *u* **Dok S9B** *rispettivament) hi rregolat il-wirt taghha permezz ta' testment unica charta tad-9 ta' Gunju 1972 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (kopja annessa* **Dok S10***).*

8. *Illi ai termini tat-testment Dok S10, Mary Debono nnominat lill-uliedha bhala l-eredi universali taghha u cioe' lill-atturi filwaqt li halliet l-uzufutt ta' gidha*

*kollu a favur ir-ragel taghha, Lawrence Debono li miet qabilha fit-3 ta' Dicembru 1994 u ghalhekk l-uzufrutt fuq il-gid ta' martu qatt ma ha effett.*

9. *Illi dan kollu jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni causa mortis maghmula fl-atti tan-Nutar Joseph Abela fit-22 ta' Marzu 2010 (kopja annessa* ***Dok S11****).*

10. *Illi ghal finijiet ta' provenjenza qieghda tigi wkoll ezebita dikjarazzjoni mhejjija min-Nutar Joseph Abela (****Dok S12****) fejn ikkonferma li din il-proprjeta' kienet iddevolviet fuq omm l-atturi, id-defunta Mary Debono.*

11. *Illi dan il-fond kien originarjament gie mikri a favur il-genituri tar-ragel tal-intimata. Wara l-mewt taghhom din il-kirja ghaddiet fuq it-tifel taghhom u cioe' George Mallan u sussegwentement wara l-mewt tieghu din il-kirja intirtet mill-mara tieghu, l-intimata Catherine Mallan skont il-ligi li ghadha tokkupa l-fond sal-gurnata tal-lum b'kera ta' EUR 186 u/jew somma verjuri fis-sena.*

12. *Illi ghalhekk din hi kirja li giet fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju 1995 u hi soggetta ghall-provvedimenti tal-Kap 69 u dan kif anke jirrizulta mill-etratti tar-Registru Elettorali ghas-snin 1990, 1992 u 1994 annessi* ***Dok S12A-S12C.***

13. *Illi permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021, il-legislatur introduca inter alia r-rimedji permezz ta' emendi fl-Artikolu 4A tal-Kap 69.*

14. *Illi r-rikorrenti qeghdin ghalhekk jifthu dawn il-proceduri sabiex ssir il-procedura skont l-Artikolu 4A tal-Kap 69, u cioe` li jsir it-test tal-mezzi u konsegwentement jkun hemm revizjoni tal-kera u/jew dikjarazzjoni li l-intimata ghandha tivvaka entro sentejn.*

15. *Illi din il-kawza qieghda wkoll tigi notifika lill-Awtorita` tad-Djar sabiex jkollha d-dritt tippartecipa bis-sħiħ bħala intervenut fil-kawza fil-proċedimenti skont il-provvedimenti tal-ligi.*

16. *Illi ghalhekk qed issir il-kawza odjerna.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu titlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:*

1. *Jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont ta' kera pagabbli mill-intimata għall-fond 2, Triq San Guzepp, Kalkara waqt il-pendenza ta' dan ir-rikors, u dan ai termini tal-Artikolu 4A(6) tal-Kap 69.*

2. *Jordna li jsir test tal-mezzi tad-dħul u tal-kapital tal-intimata u dan ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69.*

3. *F'kaz li l-intimata ma tissodisfax it-test tal-mezzi, jordna lill-intimata tivvaka mill-fond 2, Triq San Guzepp, Kalkara entro sentejn mid-data ta' dan ir-rikors jew data verjuri u jiffissa revizjoni tal-kera pagabbli mill-intimati u dan skont l-Artikolu 4A(4) tal-Kap 69.*

4. *F'kaz li l-intimata tissodisfa t-test tal-mezzi, jordna revizjoni tal-kera u jiffissa dawk il-kundizzjonijiet godda skont l-Artikolu 4A(2) u dan prevja li jigu appuntati Membri teknici, liema kera kif awmentata ghandha tizdied skont il-provvedimenti tal-Artikolu 4A(7) tal-Kap 69.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali. B'rizerva u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti inkluzi dawk ta' natura kostituzzjonali, u minghajr pregudizzju ghall-proceduri kostituzzjonali intavolati mill-istess rikorrenti, kif ukoll b'rizerva ghad-drittijiet kollha taghhom fil-konfront tal-intimata inkluz ghal kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet tal-kera.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tal-11 ta' Ġunju 2024[2].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fid-19 ta' Ġunju 2024[3].

Ra r-risposta tal-intimata mressqa fit-3 ta' Settembru 2024[4] fejn *ad litteram* ġie eċċepit is-segwenti;

1. *Illi kif ser jirriżulta ampjament mill-provi li se jinġiebu fil-kors tal-proċeduri odjerni, l-esponenti qua inkwilina tissodisfa ampjament il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi kif stabbiliti fil-liġi, u għalhekk m'għandhiex tiġi kostretta tivvaka l-fond fejn tirrisjedi mertu tal-proċeduri odjerni, ossija l-fond in kwistjoni;*

2. *Illi kif se jirriżulta wkoll mill-istess provi, l-esponenti m'għandha l-ebda proprjetà alternattiva oħra fejn hija tista' tirrisjedi għajr il-fond in kwistjoni;*

3. *Illi inoltre, l-esponenti, li għandha sebgħa u tmenin sena, u llum armla, la għandha mezzi u wisq anqas il-potenzjal li takkwista tali mezzi, tenut kont l-età tagħha, u għalhekk tiddependi għalkollox fuq il-kirja odjerna sabiex ikollha saqaf fuq rasha;*

4. *Illi inoltre, l-introjtu tal-esponenti huwa minimu, u għaldaqstant reviżjoni tal-kera bħalma qed jippretendu r-rikorrenti tista' effettivament twassal sabiex tkun kostretta tivvaka l-fond fejn ilha tirrisjedi għal għexieren ta'*

[2] A fol 34 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 37 tal-proċess.
[4] A fol 43 *et seq* tal-proċess.

*snin, u għalhekk tali talba saħansitra tmur kontra l-ispirtu tal-emendi legali li saru permezz tal-Att XXIV tal-2021;*

5. *Illi a kull buon fini, l-esponenti tirrileva li hija dejjem ħallset il-kera dovuta fil-pront, u li hija personalment u mingħajr l-ebda għajnuna mir-rikorrenti, tieħu ħsieb li żżomm il-fond odjern fl-aqwa stat ta' manutenzjoni permezz ta' diversi benefikati u ammeljoramenti tul is-snin;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, f'każ illi dan il-Bord jiddeċiedi li għandu jkun hemm reviżjoni tal-kera kif mitlub mir-rikorrenti ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tali reviżjoni għandha tqis il-fatturi kollha fil-liġi, flimkien ma' fatturi oħrajn, fosthom l-età u l-mezzi tal-esponenti, u d-diversi benefikati illi hija għamlet tul is-snin illi għexet f'dan il-fond;*

7. *Illi inoltre, dan l-Onorabbli Bord għandu jiżgura li fi kwalunkwe każ, deċiżjoni a favur ta' reviżjoni tal-kera kif jista' jgħoġbu jistabilixxi għandha tkun waħda gradwali, u għandha tkun fil-minimu, u dan proprju sabiex l-esponenti ma tkunx kostretta tivvaka l-fond odjern;*

8. *Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi dan l-Onorabbli Bord isib a favur tar-rikorrenti u jiddeċiedi li l-esponent għandu jivvaka l-fond jew f'każ illi l-kera li tiġi ffissata minn dana l-Bord tkun tali li ma tkunx tista' tiġi mħallsa mill-esponenti, l-Awtorità tad-Djar illi qed tintervjeni f'dawn il-proċeduri għandha tassisti lill-esponent sabiex isib residenza alternattiva;*

9. *Illi l-esponenti tistqarr illi fi kwalunkwe każ, il-pożizzjoni tagħha hi waħda ta' bla ħtija, u jekk xi ħadd għandu jwieġeb għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont tal-kera li jogħġbu jordna dan il-Bord, huwa l-Gvern tramite l-Awtorità tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huma nġunti in subizzjoni.*

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2024[5], fejn ġew maħtura l-Periti Alexei Pace u Marie Louise Caruana Galea sabiex iħejju stima tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra n-nota ġuramentata tal-intimata mressqa fis-6 ta' Novembru 2024[6] kontenenti dokumentazzjoni meħtieġa għat-twettieq tat-test tal-mezzi.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fit-18 ta' Novembru 2024[7], rigwardanti l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024[8] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

---

[5] Verbal relattiv jinsab a fol 46 *et seq* tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 48 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 120 *et seq* tal-proċess.
[8] Verbal relattiv jinsab a fol 129 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[9] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[10]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[11]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li

[9] Att XXVII tas-sena 2018.

[10] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[11] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Said *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 302/23AJD) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Settembru 2024. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Marcus Scicluna Marshall et vs Michael Borg Cardona**, (Appell Inferjuri Numru 723/22LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ġunju 2024 u fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Albert Naudi et vs Patricia Gauci et**, (Appell Inferjuri Nru. 170/19LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2021 , fejn fiż-żewġ istanzi aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirj a l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[12], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti, li baqgħet ma ġietx kontradetta.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimata relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li hija tissodisfa t-test tal-mezzi rikjesti, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[13].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal erba' mija u ħamsa u erbgħin elf Ewro (€445,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tal-11 ta' Ottubru 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in

[12] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-proprjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".
[13] Regolamenti 5(7) u 6(6).

kwistjoni[14]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[15].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[16]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tmient elef u disa' mitt Ewro (€8,900) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis iktar l-ewwel talba billi din il-kawża qiegħda issa tiġi deċiża u għalhekk ma għadx hemm il-ħtieġa ta' awment pendente lite.

---

[14] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Agostina sive Ina Cini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*** (Rik Nru. 107/2022) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta' Novembru 2024, fejn ġie mtenni hekk: "*F'sentenzi oħra ta' din ix-xorti lqorti diga' għamlitha ċara li l-potenzjal ta' żvilupp tal-fond hu rrilevanti. Meta tiġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens pekunjarju, dak li hu rilevanti hu stima tal-kera tal-fond kif inhu fiż-żmien rilevanti. Il-potenzjal ta' żvilupp hu rilevanti li kieku l-fond ikun ser jinbiegħ. F'dawn il-każijiet il-fond jibqa' proprjeta' tas-sidien.*" Referenza ssir ukoll għas-sentenza ta' dan il-Bord fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Cassar *et* vs Frances Azzopardi** (Rik Nru: 450/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-17 ta' Ottubru 2024; fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello noe vs Joseph Cardona et**, (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024; u fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Callus *et* vs Carmel Debattista *et*** (Rik Nru: 620/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-27 ta' Ġunju 2024. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Cini *et* vs Rose Busuttil,** (Rik Nru: 682/2022LC) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar it-18 ta' Ottubru 2024.

[15] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[16] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula et vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia**, (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024, u fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Bugelli *et* vs Saviour Bonnici *et*.,** (Rik App Nru: 760/2022LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-29 ta' Mejju 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Louis Vincenti *et* vs Maria sive May Herrera *et*,** (App Ċiv Nru: 237/18LM) mogħtija fl-7 ta' Lulju 2023, u fisn-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri et vs Antoine Farrugia et**, (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023.

2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta’ dawn il-proċeduri.
3) Jiċħad it-tielet talba (li ngħatat b’mod alternattiv).
4) Jilqa’ ir-raba’ talba u b’hekk jordna li l-intimata Mallan tibda tħallas lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri, numru tnejn (2) Triq San Ġużepp, Kalkara, fl-ammont ta’ tmient elef u disa’ mitt Ewro (€8,900) fis-sena, fl-ammont ta’ seba’ mija u wieħed u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€741.66ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta’ din is-sentenza.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma’ dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur